MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 437/2003

Kawza fil-lista:  24

**A B, personalment**
**u bhala kuratrici ‘ad litem’ tat-tfal minuri**
**C B, D B u E B**
**vs**
**G B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-attrici A B u l-konvenut G B zzewgu fl-10 ta’ Jannar 1985;

U peress illi miz-zwieg ta' bejn il-kontendenti twieldu erbat itfal, u cioe' H ta' sbatax-il sena (17), C ta' tlettax-il sena (13), D ta' ghaxar snin (10) u E ta' tlett (3) snin;

U peress illi l-imsemmi G B rrenda ruhu hati kontra l-attrici martu ta' adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi, b' mod li rrenda mpossibli l-hajja konjugali bejniethom;

U peress illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili (Dok. TC1);

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi li l-imsemmi G B kkommetta fuq martu;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri H, C, D u E f' idejn l-attrici;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u / jew ghall-imsemmija tfal minuri dik ir-retta alimentarja li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa skond il-bzonnijiet ta' l-attrici u l-mezzi ta' zewgha liema retta alimentarja tkun pagabbli fil-jum u hin li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa;

4. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f' zewg porzjonijiet li jigu assenjati lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, okkorrendo billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

5. Tikkundanna lill-konvenut jirritorna lill-attrici l-assi parafernali kollha taghha;

6. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez kontra l-konvenutli hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa :

1. Illi l-eccipjent fl-ewwel lok jigbed l-attenzjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti illi d-digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili li suppost gie pprezentat mac-citazzjoni ta’ l-attrici u li hemm referenza ghalih bhala Dokument TC1 fil-premessi tac-citazzjoni lanqas biss gie esebit u ghalhekk ma jifformax parti mill-atti bhala dokument mac-citazzjoni u fit-tieni lok l-eccipjent jecepixxi l-irritwalita’ ta’ l-azzjoni hekk kif promossa mill-attrici stante illi din saret a bazi ta’ digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili li m’ ghadux aktar ezegwibbli u llum huwa bla effett ai fini u effetti tal-ligi u dana ai termini ta’ l-Artikolu 480(4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi l-eccipjenti jecepixxi illi skond il-ligi u ghall-ekonomina tal-gudizzju din il-kawza ghandha tinstema’ u tibqa’ timxi flimkien mal-kawza ta’ separazzjoni personali gja inizzjata mill-eccipjent (Cit. Nru. : 1180/02RCP) li tinsab differita ghall-istess data bhall-appuntament tal-kawza odjerna u cioe’ fl-10 ta’ Dicembru, 2003 u li gja’ ghaddej il-gbir tal-provi taghha quddiem il-perit legali mahtur minn dina l-Onorabbli Qorti.

3. Illi l-eccipjent ma jopponix ghas-separazzjoni personali izda dana ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici fil-kawza odjerna hekk kif gja’ indikata fic-citazzjoni pprezentata minnu (1180/02RCP).

4. Illi ghar-rigward tal-kura u kustodja, l-eccipjent jopponi ghat-talba attrici stante illi din ghandha tkun wahda konguntiva.

5. Illi a rigward tat-talba tal-manteniment hekk kif dedotta fit-tielet talba tac-citazzjoni, l-eccipjenti jopponi ghat-talba ghall-manteniment ghall-attrici personalment u dana ghar-ragunijiet illi huwa se jispjega fit-trattazzjoni tal-

kawza odjerna, filwaqt illi huwa jrid iforni manteniment ghal uliedu sakemm dan realment jirrifletti l-mezzi finanzjarji attwali tieghu, kif ukoll sakemm jiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi z-zewg uliedu C u H joqghodu mieghu, kif ukoll z-zewg uliedu bniet iqattghu hafna hin mieghu.

6. Illi, a rigward tar-raba' talba attrici, l-eccipjent lanqas ma qieghed jopponi ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u li l-istess komunjoni tinqasam f' zewg porzjonijiet, izda sakemm l-attrici bhala hatja tal-firda matrimonjali ta' bejn il-kontedenti ghandhom jigu applikati fil-konfront taghha minn din il-Qorti d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli relattivi tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, inter alia, l-Artikolu 48 tal-istess Kapitolu.

7. Illi, a rigward tal-hames talba attrici, l-eccipjent jecepixxi illi huwa m' ghandu l-ebda assi parafernali ta' l-attrici (jekk qatt dawn kienu jezistu) u per konsegwenza m' ghandux x' jirritorna lill-attrici.

8. Illi, a rigward tas-sitt talba attrici, l-eccipjent jecepixxi illi s-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi ghandhom jigu applikati unikament fil-konfront ta' l-attrici bhala hatja tal-firda matrimonjali u ghalhekk qieghed jopponi ghal tali talba.

Rat id-dikjarazzjonijiiet guramentati tal-partijiet, il-lista tax-xhieda u l-affidavits prezentati ;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tallum, li permezz tieghu l-partijiet qabblu li l-provi mismugha u prodotti fil-kawza numru 1180/02 fl-ismijiet inversi ghandhom jitqiesu bhala provi mismugha u prodotti fil-kawza odjerna ;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Vincent Galea, minnu debitament mahluf ;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-4 ta' April 2006 li permezz tieghu l-konvenut, tramite d-difensur tieghu, rtira l-ewwel eccezzjoni tieghu rigwardanti l-irritwalita' ta' l-azzjoni ;

Rat l-atti kollha tal-kawza ;

Rat is-sentenza moghtija llum fil-kawza numru 118/02NC fl-ismijiet inversi ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Semghet lit-tfal minuri kameralment;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess konvenut u kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16; kif ukoll sabiex din il-qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha tieghu l-konvenut ma jopponix ghat-talba ghas-separazzjoni personali, izda jattribwixxi l-htija unikament lill-attrici ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 40 u 41 tal-Kap.16.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet taghha maghmula fis-sentenza fl-ismijiet inversi, kawza numru 1180/02NC deciza llum, u taddottahom in toto b' mod li ghandhom jifformaw parti mill-gudizzju odjern.

Illi mal-premess ghandu jizdied li l-Qorti hija tal-fehema li l-komportament abbuziv da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu l-attrici ghandu jattira kontra tieghu s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap.16 b' applikazzjoni ta' l-artikolu 51 ta' l-istess Kap.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi, filwaqt li taghmel referenza ghal dak gja deciz fis-sentenza fuq indikata [kawza numru 1180/02NC]:
[1] tilqa' l-ewwel talba, limitatament u fis-sens gja deciz;
[2] tilqa' t-tieni talba, limitatament u fis-sens gja deciz;
[3] tilqa' t-tielet talba fis-sens gja deciz ;
[4] tilqa' r-raba talba fis-sens gja deciz ;
[5] tilqa' il-hames talba fis-sen gja deciz ;

[6] tilqa’ is-sitt talba u tapplika fl-intier tieghu d-dispost ta’ l-artikolu 48 tal-Kap.16 fil-konfront tal-konvenut.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenut, hlief dawk relattivi ghal hames talba li ghandhom jibqghu a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------